**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**
**Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Roderick Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru: 7426/22**

**Illum 25 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar id-9 ta' Novembru 2022 kontra l-imputat talli:

Roderick Schembri iben Joseph u Maria xebba Mifsud, imwieled Pieta' nhar il-11 ta' Mejju 1985, residenti St. Anthony, Triq il-Kus, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita' numru 259785M.

U nakkuzah talli nhart it-03 ta' Novembru 2022, ghal habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar u fil-hin ta' wara gewwa birzebbugia;

1. Ingurija, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta‘ PS2181 Stephanie Borg, PC478 Justin Delia u PC2441 Carl Michael Pace Farrugia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom, kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta‘ dak is-servizz, Art 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta‘ xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe PS2181 Stephanie Borg, PC478 Justin Delia u PC2441 Carl Michael Pace Farrugia filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta‘ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti. Art 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja tas-surgent PS2181 Stephanie Borg f’periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha liema griehi huma ta‘ natura hafifa, Art 214,215,221(1) u 222(1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

4. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta‘ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil PS2181 Stephanie Borg, PC478 Justin Delia, PC2441 Carl Michael Pace Farrugia jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati jew setaw ghamlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li PS2181 Stephanie Borg, PC478 Justin Delia u PC2441 Carl Michael Pace Farrugia kienu qed jaghmlu

skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun. Art 338 (ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Art 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista` jiehu hsieb tieghu innifsu. Art 338(ff) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
7. U aktar talli naqas milli ihares il-kundizzjonijiet imposti fuq mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D., fid-digriet moghti nhar is-26 ta' Novembru 2021, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' PS2181 Stephanie Borg , PC478 Justin Delia u PC2441 Carl Michael Pace Farrugia jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Roderick Schembri b'obligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Roderick Schembri ghal beneficju ta' PS2181 Stephanie Borg, PC478 Justin Delia, u PC2441 Carl Michael Pace Farrugia, u l-familja taghhom, u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu meta gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti.[1]

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Hadet nota tal-istqarrija tal-imputat prezentata in atti a folio 10-11 tal-process.

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.[3]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[1] Fol. 4 tal-process.
[2] Fol. 4 tal-process.
[3] Fol. 68 u 69 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li l-imputat allegatament qala’ mal-pulizija nhar it-3 ta‘ Novembru 2022. Minn dak li jirrizulta jidher li l-Pulizija gew infurmati li kien hemm persuna ma’ l-art gewwa Triq San Tumas, Birzebbugia. Huma marru immedjatament jinvestigaw u sabu lill-imputat mitluq fuq bank u kien jidher fi stat ta‘ sakra kbira. L-agenti tal-forza pubblika innutawlu ukoll xi daqqiet u ghalhekk cemplu lill-ambulanza wara li dan stqarr li kien ghamilhomlu missieru.

Waqt li kienet fit-triqitha l-ambulanza, l-imputat pprova jqum u l-agenti ippruvaw jghinuh. Pero‘ jidher li l-imputat irvilla u hebb ghal-pulizija‘. Sahansitra wegga‘ lil PS 2181 b‘ mod hafif f‘idha ix-xellugija. B‘hekk il-pulizija arrestawh fuq il-post u akkumpanjawh fuq l-ambulanza sa Mater Dei fejn inzamm halli jigi ikkurat.

**Il-Provi**

Xehed **PC 2441 Karl Michael Pace** waqt is-seduta tat-23 ta’ Novembru 2022 fejn stqarr li huma kienu ircevew telefonata anonima li kien hemm persuna fis-sakra mitluqa ma‘ l-art fi Triq San Tumas, Birzebbugia.[4] Huwa u pulizija ohra irrikorrew fuq il-post u sabu lill-imputat. Jghid li sabuh bil-qieghda fuq bank bi flixkun tal-inbid tal-hgieg kwazi vojt hdejh. Dehrilhom li kien fi stat ta’ sakra kbira u cemplu l-ambulanza. Jghid li l-imputat kien impazjenti ghad-dewmien tal-ambulanza u ghalhekk hadlu l-flixkun minn hdejh ghar-ragunijiet ta’ sigurta’ kemm tieghu kif ukoll taghhom. Meta ra hekk l-imputat

[4] Fol. 22 tal-process.

irvilla ghax ried ikompli jixrob. Jghid li meta kienu qed izommuh l-imputat giref lis-surgent. Hu kompla jkun aggressiv maghhom u ghalhekk huwa arrestah u immanettjah. Jispicca billi jghid li giet l-amulanza u l-imputat ittiehed l-isptar.

Kontro-ezaminat jghid li huma sabuh bil-qieghda u ma jaqbilx li l-imputat laqat lis-surgent imma li qabadha *bil-forza minn idha. Jghid li granfa fuqha.* Jispjega li barra minn hekk, x'hin waslet l-ambulanza l-imputat kien qed jixxengel u kien diga' immanettjat.

Ezaminat mill-gdid jghid li l-imputat jafu fuq incident iehor meta ta daqqa ta' ponn lill-pulizija iehor.

Xehdet **l-iSpettur Doriett Cuschieri** waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2022. Tghid li hija ma kinitx fuq il-post imma infurmawha is-subalterni taghha dwar l-incident.[5] Hija prezentat diversi dokumenti relatati mal-incident u ma' l-imputat b'mod partikolari vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest mghotija mill-Magistrat Yana Micallef Stafrace mahruga mir-registratur tal-Qorti. L-ufficjal investigattiv ezebit ukoll l-istqarrija tal-imputat fejn huwa ghazel li ma jewgibx ghad-domandi li sarulu.

Xehdet **PS 2181 Stephanie Borg** fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2022 fejn spjegat l-involviment taghha f'dan l-incident u ikkorraborat ix-xhieda ta' PC 2441 u PC 478.[6] Tispjega li meta beda iqum, l-imputat

[5] Fol. 27 tal-process.
[6] Fol. 38 tal-process.

tant kien fis-sakra li beda jwegga' lilu innifsu u meta ippruvaw jghinuh hebb ghalihom. Fuq il-ferita ta' idejha tghid testwalment is-segwenti:

T. *'Dan ahna bdejna inzommuh bil-qieghda fuq il-bank, hu beda jaghti b'idejh u b' saqajh fejn qabadni mill-id il-leminija sorry xellugija u markali ideja minn hawn. Jiena imbaghad meta mort l-isptar ghamiluli certifikat ta' slight injuries.'*[7]

Fuq dan il-punt kontro-ezaminata qalet is-segwenti:

*T. 'Waqt li hebb ghalija qabadli idejja u immarrkali idejja ghada tidher ftit sa llum u harigli d-demm minn idejja.'*[8]

*M. Igifieri qed nghid sew li din kienet girfa.*

*T. Le ma kinitx girfa, qabadni f'idejja, qabad mieghi b'mod iebes waqt li ahna qeghdin inzommuh.*

*M. Pero inti meta ghad immarkali idejja, naqblu li ghamel girfa, kienet girfa.*

*T. Jiena ma nghidx li kienet girfa le.*[9]

---

[7] Fol. 39 tal-process.
[8] Fol. 40 tal-process.
[9] Fol. 40 tal-process.

Xehed **PC 478 Justin Delia** fejn spjega d-dinamika tal-incident u spjega l-argument li kellu l-imputat mal-pulizija li marru fuq il-post biex jassistuh.[10] Jghid li huwa ipprova jaghtihom bis-sieq u bil-ponn u ghalhekk iddecidew li jarrestawh.

Xehed **Dr. Daniel Desira** waqt is-seduta tat-30 ta‘ Novembru 2022 li ikkonferma l-gerha fuq is-surgent Borg u li din kienet ferita superficjali. Din kienet qatgha li fit-terminologija Ingliza tissejjah ‘skin loss’.[11] Ix-xhud ikkonferma ic-certifikat mahrug minnu a folio 9 tal-process.

Xehdet **Stephania Calafato Testa** assistant registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali fil-15 ta’ Dicembru 2022 fejn ikkonfermat id-dokument Dok SCT a folio 57 tal-process[12]. Kundizzjoni numru 4 tal-helsien mill-arrest kienet:

**‘li ma tikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li tkun mehlus mill-arrest.‘**

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll taht l-artikoli 95, 96 kif ukoll bil-kontravenzjonijiet that l-Artikoli 338(dd), 338(ff) u 338(ee), kif ukoll li ikkaguna ferita hafifa fuq PS 2181 Borg ai termini tal-artikoli 214, 215, 22(1) u 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Akkuzat ukoll

[10] Fol. 41 tal-process.
[11] Fol. 43 tal-process.
[12] Fol. 56 tal-process.

talli kiser kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar is-26 ta' Novembru 2021.

Il-Qorti ser l-ewwel tezamini l-imputazzjonijiet numru wiehed (1) u tnejn (2) ossija dawk li jirrigwardaw l-artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** ( App. Nru. 130/2002) deciz fid- 9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Il-Prim Imhallef Vincent DeGaetano intqal is-segwenti fuq l-artikoli 95 u 96.

**'din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant seta jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` tar-reat ta' attakk u resistenza skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq**

**servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi.'**[13]

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Richard Tong** (App. Nru. 252/2015) deciza mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Edwina Grima nhar it- 28 ta' Gunju 2017 intqal:

**'Illi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:**

***"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."***

**Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti donnu qed jikkontendi fl-aggravvju minnu imressaq illi dan it-theddid kellu isehh filwaqt li l-kuntistabbli kien qed jaqdi dmirijietu jew fil-mument li kien qed**

[13] Pagna 3. Ara ukoll **Il-Pulizija vs John Mizzi** (App. Nru. 45/2003) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Vincent DeGaetano kif ukoll **Il-Pulizija vs Abdel Hamid Zakkaria** (Kump. Nru. 76/2018) deciza mill-Qorti tal-Magistrati per. Magistrat Dottoressa Donatella Frendo Dimech.

**jipprocedi ghall-arrest tieghu. Dawn bir-rispett huma l-elementi mehtiega fil-ligi sabiex jisussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 u mhux ukoll l-artikolu 95 li ma jinnecessitax illi l-oltragg isir, kif inghad, fil-mument tal-qadi tal-funzjoni pubblika diment illi jigi ippruvat in-nexus bejniethom kif inghad.'**[14]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Wayne Deguara** (App. Nru. 49/2020) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Jannar 2021 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera gie spjegat:

**Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid: "This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."**

**Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg jinghad:**

**"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo**

[14] Pagna 7.

**dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato".**

……………………………………………………………………………………………..

**Fir-rigward tas-sitt akkuza naxxenti mill-Artikolu 96, iridu jissusistu tliet elementi essenzjali minkejja li ukoll il-vitma irid ikun ufficcjal pubbliku.**

**1.Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid:**

***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".***

**Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun**

**necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.**

**2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.**

**3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid:**

***"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*[15]**

Meta wieled izomm f'mohhu kemm l-insenjament tal-mibki Professur Sir Anthony Mamo kif ukoll il-gurisprudenza kompjuza tal-Qrati taghna, huwa ovvju li mill-atti jirrizultaw biss l-elementi formanti parti mir-rejat taht l-artikolu 95 u mhux dawk li isejsu l-artikolu 96. Meta l-

[15] Pagni 15 u 16.

imputat beda ikun impazjenti ghax l-ambulanza damet skont hu biex tigi l-pulizija ma kinitx qed **“qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”.** Ma jirrizultax mill-atti processwali li l-agenti li kienu fuq il-post kienu tawh xi ordni u hu barra li ma obdihiex, hebb ghalihom ghax kieku l-istorja kienet tkun differenti.

Ghaldaqstant, deplorabbli kemm hu depplorabbli l-atteggament u l-imgieba tal-imputat huwa ma jista’ qatt jinsatb hati tat-tieni akkuza relatata mal-artikolu 96 imma biss taht l-artikolu 95, ossija tal-ewwel akkuza.

**Ikkunsidrat:**

L-akkuza numru tlieta (3) tirrigwarda l-ferita hafifa li ikkawza l-imputat meta qabad minn idejha lis-surgent Stephanie Borg li marret hemm fuq il-post mal-kollegi taghha biex tassistih. Hu gab ruhu, tort ukoll tal-istat ta’ sakra li kellu, b‘mod aggressiv u ta’ theddid fuqha.

Il-Qorti ma taqbilx mal-linja difensjonali li dak li gie ikkawzat fuq l-agent Borg ghandu jigi b’xi mod zminuwit. Kien l-imputat li qabad minn idejha lis-Surgent Borg u dan ma kellu l-ebda dritt jaghmlu. Huwa vera ukoll li kollox irid jittiehed fil-perspettiva tieghu **pero‘ din il-Qorti mhux ha taccetta li ufficjal pubbliku li jmur jassisti lil xi hadd isofri griehi hfief, zghar kemm huma zghar. Kulhadd ghandu dritt li jitlaq minn daru shih u jmur lura lejn l-gheziez tieghu wara gurnata xoghol shih ukoll!** Il-Qorti ser tipprovdi fuq hekk aktar ‘l isfel fis-sentenza.

Dak li garrbet is-surgent Borg huwa ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi mhux biss bix-xhieda taghha u tal-kollegi taghha li kienu fuq il-post izda bic-certifikat mediku ezebit in atti kif ukoll bix-xhieda tat-tabib li ezaminaha waqt li kienet l-isptar Mater Dei.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser issib l-akkuzat hati tat-tielet akkuza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Ghar-rigward tal-kontravenzjonijiet taht l-Artikoli 338(ee), 338(dd) u 338(ff), ossija l-akkuzi numru erba' (4), hamsa (5), u sitta (6), il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi li ghandha quddiemHa jissussistu biss l-akkuzi numru hamsa u sitta filwaqt li l-akkuza numru erbgha ma tissussistix.

Hu ben ovvju mill-atti processwali li l-imputat ma nghata l-ebda ordni mill-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, tal-anqas dan ma jirrizultax mix-xhieda taghhom u lanqas jidher li huwa fixkilhom milli jaghmlu d-doveri taghhom ghax kienu huma li marru biex jghinuh fuq il-post u mhux hu mar waqt li kienu qed jesegwixxu xi ordni skond il-ligi u b' xi mod indahlilhom u fixkilhom.  Huwa ma agixxix biex igib fix-xejn dak li kienu qed jaghmlu jew hassar xi haga li kienu qed jaghmlu skond il-ligi.

Minn naha l-ohra huwa ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat kien xurban f'post pubbliku u li b'dak li ghamel kiser il-buon ordni u

il-kwiet tal-pubbliku. Tant kien xurban li lanqas biss felah izomm fuq saqajh u kellhom jghinuh l-ufficjali tal-pulzija li marru jassistuh.

Ghaldaqstant, hu ser jinsatb hati tal-kontravenzjonijiet numru hamsa u sitta filwaqt li ser jigi liberat mill-akkuza numru erbgha.

**Ikkunsidrat:**

Dwar is-seba' (7) akkuza din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid ladarba huwa ser jinstab hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Il-prosekuzzjoni ipprovat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat inghata l-helsien mill-arrest nhar is-26 ta' Novembru 2011 u fost il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kien hemm li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Evidentement b'dak li ghamel u b'dak li qed jinstab hati l-imputat naqas milli josserva din il-kundizzjoni *ad literim*.

Ghaldaqstant, l-imputat qed jinstab hati wkoll tas-seba' (7) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti tirrimarka li fil-kawza **Il-Pulizija vs Josianne Bonello** (App. Nru. 231/2002) deciza mill-

Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono gie enfazizzat:

**‘Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi w tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom. Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan’[16].**

Ukoll fil-kawza **il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Youssef Rhouni** (App. Nru. 456/2017) deciza fis-27 ta’ Frar 2019 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima intqal:

***‘Anzi ghal dak li jirrigwarda ir-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, il-Qrati taghna dejjem irritenew illi r-reat kommess kontra membri tal-korp tal-pulizija ghandhom jinghataw certa piz u dan ghandu jigi rifless fil-piena kif imposta li generalment tkun wahda karcerarja specjalment meta jkun hemm uzu ta’ vjolenza jew rezistenza qawwija’.***[17]

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tishaq dwar ir-rispett li ghandhom ikollhom ic-cittadini lejn il-forzi tas-sigurta’. Minghajr dubbju dan ir-rispett ma giex muri kif jixraq mil-imputat li minn fuq li

[16] Pagna 5.
[17] Ara ukoll f’ dan is-sens **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Rita Zammit** (App. Nru. 477/2017) deciza fil-21 ta’ Mejju 2019 per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

l-pulizija marru biex jghinuh beda ixejjer idu u saqajh u fera b'mod mhux gravi lis-Surgent Borg. Dan mhux accettabbli!

Il-Qorti ukoll tinnota dak li qal fir-rapport tieghu il-probation officer Dorian Cornelius fir-rapport datat 13 ta' Marzu 2023 fejn hemm miktub:

**'Jidher li Roderick mhux josserva l-Ordnijiet moghtija lilu sabiex jaghmel programm residenzjali u minkejja linkien avzat kemm mill-Ufficjal tal-Probation kif ukoll mill-Psikjatra Dr. Sant li dan jkun ta' gid ghalih dan baqa' ma hax din l-ghajnuna, fejn qed jispicca jkun ta' periklu ghalih u ghal haddiehor.'**[18]

F' rapport addizzjonali ftit tal-jiem wara datat 20 ta' Marzu 2023 l-istess ufficjal tal-probation qal is-segwenti:

**'Dr. Sant isostni li Roderick qed jaghmel hafna pjanijiet li jidhru tajbin sabiex jidher tajjeb quddiem il-Qorti imma fil-verita' m' ghandu l-ebda intenzjoni li jiehu l-ghajnuna bis-serjeta' sabiex iwaqqaf l-uzu tieghu tal-alkohol'.**[19]

Fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti qed tikkunsidra s-segwenti fatturi:

1. Il-fedina penali netta tal-imputat;

[18] Fol 64 D tal-process.
[19] Fol. 65A tal-process.

2. Is-serjeta’ u l-gravita’ tal-imputazzjonijiet li qed jinstab hati taghhom fil-kawza odjerna;
3. Il-fatt li milli jidher huwa ma ghandux intenzjoni li jirranga hajtu b‘ hekk qed ikun ta’ periklu ghalih u ghal haddiehor;
4. L-obbligu tal-Qorti li tipprotegi s-socjeta’, ossija, min ikun f’post pubbliku u jiltaqa’ ma’ persuni li jkunu xurbana;
5. Il-fatt li l-ksur tal-ligi sar f’perjodu meta l-imputat kien moghti l-liberta’ provvizorja fuq kaz iehor.
6. In-nuqqas tal-imputat li jikkollabora mal-pulizija u ta’ l-anqas jiskuza ruhu maghhom ta’ ghemilu.
7. Il-fatt li l-perjodu ta’ arrest preventiv fuq dan il-kaz ma ghenux biex jigi f’sensieh u jindirizza l-problema akuta tax-xorb.

Il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz piena karcerarja effettiva hija idoneja u dan sabiex ukoll fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin l-imputat isib l-ghajnuna necessarja biex johrog minn u jeghleb il-problema akuta ta’ abbuz mill-alkohol li huwa ghandu u b’hekk ma jibqax ikun ta’ periku ghalih innifsu u ghal terzi.

Il-Qorti tqis ukoll illi ghandha rwol li tibghat messagg qawwi fis-socjeta’ li kulhadd ghandu jikkopera **mill-ewwel** mal-ufficcjali tal-Pulizija.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 214, 215, 221(1) u 222(1(c), 338(ee), 338(dd), 338(ff), u 579 (1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat **Roderick Schembri**

**HATI** tal-akkuzi numru wiehed (1), tlieta (3) hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) migjuba kontra tieghu u **MHUX HATI** tal-akkuzi numru tnejn (2) u erba' (4) migjuba kontra tieghu.

U in vista' tal-fattispeci kollha tal-kaz, il-Qorti temmen li minghajr perjodu ta' karcerazzjoni u ghajnuna fil-konfini ta' facilita', l-imputat ma ghandux ir-rieda li jbiddel hajtu u ghalhekk huwa ta' periklu imminenti ghalih u ghal haddiehor u konsegwentament qeghda (1) Tikkundannah ghal piena ta' **sena (1) habs effettiv** b'dan illi minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri; u (2) Oltre minn hekk il-Qorti qed Tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' **multa ta' elfejn Ewro (Ewro 2,000)** li ghandhom jithallsu f'perjodu ta' tlett snin li jibdew jiddekorru minn meta l-imputat jiskonta l-piena msemmija; u (3) Barra minn dan biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' PS 2181 Stephanie Borg, PC 478 Justin Delia u PC 2441 Carl Michael Pace Farrugia kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni, flimkien mal-piena qed tobbliga lill-hati Roderick Schembri b'obbligazzjoni ta' **elf Ewro kull wiehed** favur l-imsemmija PS 2181 Stephanie Borg, PC 478 Justin Delia u PC 2441 Carl Michael Pace Farrugia u dan ghal perjodu ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn meta l-hati jiskonta l-piena msemmija u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-ordni u obbligazzjoni ma ghandix tigi fis-sehh kemm-il darba l-imputat ikollu l-htiega li jirrikorri ghall-ghajnuna tal-pulizija.

Stante li ma kienx hemm spejjez u lanqas hatra ta' periti f'dawn il-proceduri, l-Qorti qeghda tastjeni milli tiddikjara dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex il-hati jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun assistit sabiex jindirizza il-problema akuta ta' abbuz mill-alkohol li huwa ghandu u li qed tirrovinalu hajtu.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza u l-obbligi tieghu skont l-istess sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess u l-imputat jiddikjara illi fehemhom.

(ft) Dr. Monica Vella

Magistrat

(ft) Iamin Guarracino

Deputat Registratur